# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. D. Clarke LL.D.

**Illum 4 ta’Dicembru 2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Andre Massa**

**Kumpilazzjoni Nru: 1133/2014**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Andre Massa detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 473993(M).

Akkuzat:

1. Talli matul il-lejl ta’ bejn it-8 u d-9 ta’ Awwissu, 2014, gewwa il-Birgu u/jew Bormla, attakka u/jew ghamel resitenza bi vjolenza u/jew b’hebb, ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra PC 972 Charles Fiteni, PC 843 Pierre Miceli, u /jew ufficcjali tal-pulizija ohra, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-ezekuzzjoni tal-Ligi jew ta’ ordni mghoti skond il-ligi mill-awtorita’ kompetenti u dan bi ksur ta’ l-artikolu 96 tal-Kap 9, tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ingurja u/jew hedded, u/jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku u cioe' l-ispettur Frankie Sammut, PS 337 Mark A Mercieca, PC 972 Charles Fiteni, PC 880 Newel Pantallereseco, PC 843 Pierre Miceli u/jew persuni ohra, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzagghom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur ta' l-artikolu 95 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta
3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, ma' obdiex l-ordnijiet legittimi mill-awtorita' jew ta' persuni inkarigati minn servizz pubbliku u/jew ma' halliehomx jew fixkilhom waqt li kienu jaghmlu id-dmirijiet taghhom jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijiethom, billi ma' halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gab fix-xejn dak li haddiehor kien ghamel skond il-ligi jew b'xi mod iehor li jkun u dan bi ksur ta' l-artikolu 338 (ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
4. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indicenti, jew ghamel atti jew gesti oxxeni, jew b'xi mod iehor offenda il-morali, l-imgieba xierqa jew id-dicenza pubblika u dan bi ksur ta' l-artikolu 338 (bb) tal-Kap tal-Ligijiet ta' Malta.
5. U aktar talli fl-istess dati, lok, hin u cirkostanzi imsemmija fl-akkuzi ta' qabel din, bhala ufficjal pubbliku jew impjegat pubbliku sar hati ta' reat li kellu josserva biex ma jsirux jew li minhabba l-kariga tieghu kellu id-dmir jimpedixxi li jsiru u dan bi ksur ta' l-Artikolu 141 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti, giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 394, u 385 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' din il-persuna/i hawn fuq indikata.

Il-Qorti, giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artikolu 412 (C) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidhirla xierqa.

Il-Qorti, giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 al-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat minn din il-Qorti bi procedua sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet il-provi.

Rat il-verbal ta'l-udjenza mizmuma llum meta l-imutat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu hlif ghall-ewwel wahda. Huwa kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha hlif ghall-ewwel wahda; dawn ghalhekk jirrizultaw sodisfacjentement pruvati.

Illi permezz ta' l-ewwel imputazzjoni l-imputat qed jigi addebieta bir r-reat ravvizat f'l-artrikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, cioe attakk u rezistenza kontra ufficjal pubbliku.

Illi mid-depozizzjoni ta'l-ispettur Frankie Sammut[1] jidher li fil-gurnata in ezami, waqt li kien qed isir il-march tal-festa ta' San Lawrenz l-Birgu, u meta il-march wasal quddiem il-kazin ta' San Duminku, l-imputat tefa' bandiera u din laqtghet lil PC972 Charles Fiteni li pero ma garrab l-ebda griehi. Ix-xhud meta ra hekk ghamel sinjal lill-imputat li huwa kien ra x'ghamel u l-imputat beda jghajjat u ghamel sinjal oxxen b'subghajh. Biex ma jnqalax inkwiet l-Ispettur deherlu li ma kienx opportun li jarresta lill-imputat dak il-hin ghalhekk meta spicca l-march l-imputat gie mitlub imur l-ghassa u huwa hekk ghamel. Hemm kien hemm xi battibekk bejn l-imputat u l-ispettur Sammut u xi pulizija ohra pero ma kien hemm l-ebda kollutazzjoni.

[1] A fol 13 et seq.

Illi PC Charles Fiteni[2] fil-waqt li jikkonferma li waqt li kien xoghol mal-march huwa ntlaqghat mill-bandiera u taritlu l-beritta; hu ma rax minn waddab il-bandiera. Xehedu diversi pulizija ohra f'dawn il-proceduri u kollha jikkonfermaw li l-imputat tefa' il-bandiera, fatt li del resto jidher mill-filmat esebiet, u li ghamel mossi oxxeni u li meta eventwalment mar l-ghassa ma gabx ruhu kif mistenni.

Illi l-Qorti ta'l-Appell Kriminali specifikat li l-artikolu 96 li fuqu hija bazata l-ewwel imputazzjoni

> *... .... jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun "persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku" (l-istess bhalma jirrikjedi l-Artikolu 95(1)), izda wkoll li r-reat ikun sar fil-waqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku "tkun qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti". Din l-espressjoni hi differenti minn dik uzata fl-Artikolu 95(1) – "waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz". .....* ***Mhux kull min qed iwettaq servizz pubbliku qed jezegwixxi l-ligi jew ordni moghti skond il-ligi[3].[4]***

Illi l-Qorti ta'l-Appell Kriminali hgamlet distinzjoni ukoll bejn sitwazzjoni fejn pulizija jkun qed jarresta lil xi hadd jew ikun ghadu kif arresta lil xi hadd, u sitwazzjoni meta pulizija jkun qed jaqdi doveri ohra tieghu u f'liema minn dawn is-sitwazzjonijiet jissussisti r-reat ravvizat f'l-artikolu 96. Fis-sentenza mghotija fil-kawza f'l-ismijiet il-Pulizija vs Lawrence Attard[5] dik il-Qorti qalet li:

> *biex jissussisti dana r-reat irid ikun hemm mhux biss attakk jew opposizzjoni ossia resistenza kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku (f'dan il-kaz pulizija), izda wkoll li dana l- attakk jew resistenza isir bi vjolenza jew b'hebb u jsir fil-waqt li dik il-persuna* ***tkun tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti[6]****. Meta ufficjal tal-*

---

[2] Depozizzjoni a fol 34 et seq.
[3] Sottolinear ta' din il-Qorti.
[4] Il-Pulizija vs Joseph Zahra deciza 09.09.2002.
[5] Deciza 12 ta' Settembru 1996
[6] Sottolinear tal-Qorti ta'l-Appell.

*pulizja jintima li jkun ser jarresta lil xi hadd, jew ikun effettivament qed jipprocedi biex jarresta lil xi hadd, jew ikun ga arresta u qed izomm lil xi hadd arrestat, huwa jkun certament qieghed jezegwixxi l-ligi. Izda meta ufficjal tal-pulizija ikun qieghed jipprova jipperswadi lil xi hadd bil-kelma t-tajba sabiex iwarrab minn fuq il-post u ghalhekk minghajr ma dak il-pulizija jezercita s-setgha tieghu li jarresta, ma jistax jinghad li dak il-pulizija jkun qed jagixxi "ghall-ezekuzzjoni tal-ligi" fis-sens tal-Artikolu 96, ghalkemm huwa jkun qieghed jaghmel is-servizz pubbliku tieghu fis-sens tal-Artikolu 95.*

Illi mill-provi prodotti jirrizulta ampjament li fil-waqt li fil-hin ta' l-incident PC972 kien qed jaghmel servizz pubbliku fis-sens ta'l-artikolu 95, pero jirrizulta ukoll li hu ma kienx qed jagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-Ligi fis-sens ta'l-artikolu 96.

Illi konsegwentement l-ewwel imputazzjoni ma tirrizultax.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat min-naha u l-fedina penali netta tieghu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati ta'l-ewwel imputazzjoni u tilliberah minnha, wara li rat l-artikoli 95, 141 u 338(bb)(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra tieghu u tikkundannah multa ta' tmien mitt Euro (€800) u hames xhur prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed jigu sospiezi ghal perjodu ta' tmintax il-xahar.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk l-imputat jikkommetti reat iehor fi zmien tmintax il-xahar.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**